KLR 71/VII/2019

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 7 ta' Jannar 2019 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Maria Portelli u Anthony Briffa.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membri skużati.

**71.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**71.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li ħarġet is-sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart domestiku. Din tagħlaq nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2019.

**71.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**71.4 Pjazza Santu Wistin**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li qed jagħmel il-komunikazzjonijiet meħtieġa sabiex l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tapprova li fondi mill-*Urban Improvement Fund* għall-proġett ta' Pjazza Santu Wisitn.

Il-membri ġew mgħarrfa li ħarġu s-sejħiet għal-offerti għall-pavimentar u d-dawl ta' Pjazza Santu Wistin. Dawn jagħlqu nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2019.

**71.5 Immaniġjar tat-Traffiku**

Ma kienx hemm pendenzi.

**71.6 Tarmak fi Triq Ġorġ Pisani**

Il-membri ġew mgħarrfa li ħarġet is-sejħa għal-offerti għal-kisi bit-tarmak ta' Triq Ġorġ Pisani. Din tagħlaq nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2019.

**71.7 Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir it-Tnejn 21 ta' Jannar 2019 fis-19.30.

**71.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2019 skont dokument A anness.

**71.9 Xogħolijiet oħra**

Ma kienx hemm pendenzi.

**71.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmis**

Il-laqgħa spiċċat fit-20.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019 fis-19.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |